RIŻOLUZZJONI LEĠISLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-applikazzjoni tal-Bulgarija sabiex issir membru fl-Unjoni Ewropea (AA1/2/2005 - C6-0085/2005 - 2005/0901(AVC))

(Proċedura ta' kunsens)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra t-talba tar-Repubblika tal-Bulgarija sabiex issir membru ta' l-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra t-talba għal kunsens magħmula mill-Kunsill skond l-Artikolu 49 tat-Trattat UE (C6-0085/2005),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni (COM (2005)0055),

— wara li kkunsidra l-abbozz tat-trattat tar-Repubblika tal-Bulgarija fl-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-iskambju ta' ittri bejn il-President tal-Parlament Ewropew u l-President tal-Kummissjoni dwar l-assoċjazzjoni sħiħa tal-Parlament Ewropew fuq il-possibiltà ta' rikors għal waħda mill-klawżoli ta' salvagwardja fit-Trattat ta' Adeżjoni,

— wara li kkunsidra ir-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' April 2005 dwar l-implikazzjonijiet finanzjarji ta' l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija ([1]).

— wara li kkunsidra l-Artikoli 75 u 82(6) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A6-0082/2005),

A. billi l-kundizzjonijiet għal ammissjoni ta' pajjiżi applikanti u l-modifiki li l-adeżjoni tagħhom iġġib huma stabbiliti fit-trattat ta' adeżjoni u billi l-Parlament għandu jkun ikkonsultat dwar kwalunkwe modifika sostanzjali f'dan it-trattat,

B. billi l-Kunsill u l-Kummissjoni iridu jinvolvu l-Parlament Ewropew fis-segwitu tal-proċess ta' adeżjoni tal-Bulgarija u fit-teħid ta' deċiżjonijiet fil-każ tal-possibiltà ta' rikors għal waħda mill-klawżoli ta' salvagwardja li jinsabu fit-trattat ta' adeżjoni fid-dawl ta' l-adeżjoni tal-Bulgarija,

Ċ. billi dan il-kunsens kien preċedut minn ftehim konġunt taż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja dwar il-pakkett finanzjarju li għandu jkun inkluż fit-trattat ta' adeżjoni u l-adozzjoni ta' dikjarazzjoni fuq il-konsegwenzi baġitarji u istituzzjonali ta' dan,

1. Jagħti l-kunsens tiegħu għat-talba tal-Bulgarija sabiex issir membru ta' l-Unjoni Ewropea;

([1]) P6_TA(2005)0116.

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-posizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri u r-Repubblika tal-Bulgarija.